Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,678, 26 ta' Novembru, 2010
Taqsima B

A.L. 495 tal-2010

ATT DWAR IS-SERVIZZI LI JINGĦATAW FIS-SUQ INTERN (KAP. 500)

Regolamenti tal-2010 dwar Nomina ta' Diversi Entitajiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar Servizzi li Jingħataw fis-Suq Intern, il-Ministru responsabbli għall-ekonomija, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur u l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, għamel dwar ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2010 dwar Nomina ta' Diversi Entitajiet. Titolu.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Servizzi li Jingħataw fis-Suq Intern; Kap. 500.

"atturi u utenti tal-IMI" tfisser atturi u utenti tal-IMI fi ħdan it-tifsira tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern (IMI) fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* personali;

"l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*" tfisser l-awtorità mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*; Kap. 419.

"iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur" tfisser l-entità nominata fir-rwol bħala rappreżentant ta' Malta fin-*Network* Ewropew ta' Ċentri tal-Konsumatur tal-Kummissjoni Ewropea mwaqqfa skont id-Deċiżjoni 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013);

"id-Dipartiment tal-Kummerċ" tfisser l-awtorità regolatorja skont l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ; Kap. 441.

"l-Intrapriża ta' Malta" tfisser il-korporazzjoni mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"il-korp responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur" tfisser id-Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur hekk nominat skont l-artikolu 3(1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur; Kap. 378.

"il-Kummissjoni Ewropea" tfisser il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea.

(2) Il-kliem, frażijiet u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti u li huma użati wkoll fl-Att, għandu ikollhom, kemm il-darba il-kuntest tal-kliem ma jeħtieġx xort'oħra, l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Entitajiet responsabbli biex jassistu riċevituri u provdituri.

3. (1) Għall-finijiet tal-artikolu 10(1) tal-Att, u wkoll għall-entità nominata għall-fini tas-subartikolu (3) tal-istess artikolu, l-entitajiet responsabbli li jipprovdu, fuq talba, l-assistenza u l-informazzjoni skont l-artikolu 7(a) u (b) tal-Att għandhom ikunu iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur f'Malta u l-Intrapriża ta' Malta, minn hawn 'il quddiem msejjħa l-entitajiet nominati.

(2) Fit-twettiq tal-obbligu tagħha li tipprovdi informazzjoni u assistenza lill-provdituri u riċevituri taħt l-artikoli 4 u 7(a) u (b) tal-Att, awtorità kompetenti għandha tikkopera b'mod effettiv mal-entitajiet nominati u tipprovdilhom mingħajr dewmien l-informazzjoni kollha meħtieġa, skont is-subregolament (1).

(3) L-awtorità kompetenti għandha tibqa' responsabbli għall-korrettezza tal-informazzjoni provduta taħt is-subregolament (2).

(4) Meta jirċievu talba għall-assistenza u, jew informazzjoni minn entitajiet oħra mniżżla bħala 'Kuntatti tal-Artikolu 21' fin-*network* mwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 21, paragrafu (2) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi fis-suq intern, jew direttament mingħand provditur jew riċevitur, l-entitajiet nominati skont is-subregolament (1) għandhom jikkoperaw flimkien u mal-awtoritajiet kompetenti biex jipprovdu l-assistenza u l-informazzjoni mitluba b'mod effiċjenti, effettiv u tempestiv skont l-artikolu 7 tal-Att.

Entità responsabbli għal komunkiazzjoni ta' ħtiġiet mhux diskriminatorji.

4. (1) L-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* għandha tkun il-korp li permezz tiegħu l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika l-introduzzjoni ta' kull liġi, regolament u, jew disposizzjonijiet amministrattivi tat-tip mniżżla taħt l-artikolu 5(4) jew ħtiġiet skont l-artikolu 6(1) tal-Att lill-Kummissjoni Ewropea kif imfisser fit-tieni proviso tal-imsemmi artikolu 5(4).

(2) It-trasmissjoni ta' notifika ta' xi liġijiet, regolamenti u, jew disposizzjonijiet amministrattivi ġodda bħal dawn lill-Kummissjoni Ewropea mill-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* għandha tkun magħmula f'dak iż-żmien kif jista' jiġi stabbilit mill-awtorità kompetenti, u fil-forma u skont il-proċedura stabbilita għal dak il-għan mill-Kummissjoni Ewropea.

(3) L-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* għandha tikkomunika kull kumment u, jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea li hi tirċievi dwar notifika lill-awtorità

relevanti kompetenti mingħajr dewmien.

(4) L-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għaliha, tistabbilixxi l-proċeduri tagħha li għandhom iħarsu l-awtoritajiet kompetenti meta jagħmlu dawk in-notitifiki.

Entità responsabbli għas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern.

5. (1) Matul il-kors tat-twettiq tal-obbligi tagħha ta' koperazzjoni amministrattiva mal-awtoritajiet rilevanti kompetenti fi Stati Membri oħra kif stabbilit fl-artikoli 6(3) u 8(3), (4), u (6) tal-Att, u skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/739/KE li tistipula l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri taħt il-Kapitolu VI tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern, l-awtorità kompetenti għandha tiskambja talbiet u informazzjoni mal-awtorità rilevanti kompetenti ta' Stat Membru ieħor permezz tas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern hawn iżjed 'il quddiem msejħa "IMI".

(2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern (IMI) fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* personali, l-atturi tal-IMI nazzjonali għandhom ikunu:

(a) l-awtoritajiet kompetenti li kull waħda minnhom għandha titqies bħala "awtorità kompetenti" fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 7 tal-Att;

(b) id-Dipartiment tal-Kummerċ li għandu jinħatar mill-Kordinatur tal-IMI nazzjonali (NIMIC) fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 8 tal-Att; u

(ċ) il-ministeri li taħt id-dikasteri tagħhom l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu (a) jaqgħu li għandhom jinħatru bħala Kordinaturi Delegati tal-IMI (DIMICs) fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 8 tal-Att.

(3) Persuni naturali li jaħdmu taħt il-kontroll dirett tal-atturi tal-IMI nazzjonali biss, minn hawn 'il quddiem msejħa utenti tal-IMI, jistagħu jużaw l-IMI.

(4) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/739/KE, il-kordinatur tal-IMI nazzjonali għandu wkoll ikun nominat bħala l-punt ta' kuntatt previst bl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2006/123/KE.

(5) L-użu tal-IMI mill-atturi u l-untenti tal-IMI nazzjonali għandu ikun konformi mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/49/

KE u 2009/739/KE:

Iżda l-kordinatur tal-IMI nazzjonali jista', wara konsultazzjoni mal-atturi oħra tal-IMI, u bl-approvazzjoni tal-Ministru, jistabbilixxi kodiċi nazzjonali ta' operazzjoni u prattika biex jiġu implimentati aħjar il-funzjonijiet, rwoli, drittijiet u obbligi li joħorġu mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq u l-funzjonament ġenerali u kordinazzjoni tal-użu tal-IMI f'Malta.

Entità responsabbli għall-punt ta' kuntatt waħdieni.

6. L-Intrapriża ta' Malta għandha tkun l-entità nominata responsabbli għall-amministrazzjoni u t-twaqqif operattiv tal-Punt ta' Kuntatt Waħdieni, inkluża l-kordinazzjoni tiegħu mal-awtoritajiet kompetenti u korpi oħra mwaqqfa taħt liġijiet oħra fit-twettiq tal-funzjonijiet assenjati lilha bl-Att.

Entità responsabbli għall-protezzjoni ta' riċevituri minn diskriminazzjoni.

7. Il-korp responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur għandu jiżgura illi d-drittjiet tar-riċevituri u riċevituri potenzjali ta' servizz ma jkunux soġġetti għall-ħtiġiet diskriminatorji msemmija fl-artikolu 9(a) tal-Att.